



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.6.2024
COM(2024) 261 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 13, 16 u 17 tad-Direttiva 2010/13/UE, kif emendata
bid-Direttiva (UE) 2018/1808, għall-2020–2021**

{SWD(2024) 149 final}

1. SFOND U KUNTEST

Dan ir-rapport jiffirma parti mill-monitoraġġ regolari tal-implimentazzjoni tal-miżuri relatati mal-promozzjoni tax-xogħlijiet Ewropej mis-servizzi tal-media awdjoviżiva, kif stabbilit fid-Direttiva 2010/13/UE (magħrufa wkoll bħala d-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (AVMSD, Audiovisual Media Services Directive))¹. Dan ir-rapport ikopri s-snin 2020–2021 kemm għas-servizzi lineari kif ukoll għal dawk nonlineari. L-ambitu ġeografiku jkopri l-Istati Membri. Ir-rapport huwa bbażat fuq ir-rapporti nazzjonali pprovduti mill-Istati Membri u fuq studju indipendenti (l-“istudju”), li jipprovdi wkoll informazzjoni² dwar l-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja (jiġifieri l-pajjiżi tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA, European Free Trade Association) li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), jew il-“pajjiżi taż-ŻEE-EFTA”). Ir-rapport iqis ukoll *data* rilevanti mill-Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew u r-rapport tal-Kummissjoni dwar il-prospettiva tal-media³. Dan isegwi rapporti preċedenti li jkopru l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-AVMSD matul il-perjodi 2015–2019⁴ u 2011–2014⁵.

Għall-ewwel darba, dan ir-rapportar perjodiku jqis l-obbligi l-ġodda introdotti bid-Direttiva (UE) 2018/1808⁶, li emendat id-Direttiva 2010/13/UE, billi saħħet ir-regoli dwar il-promozzjoni tax-xogħlijiet Ewropej mis-servizzi tal-media awdjoviżiva. L-iskadenza għat-traspożizzjoni tagħha kienet f’Settembru 2020.

¹ Id-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta’ Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta’ ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b’regolament jew b’azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta’ servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva) (ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1).

² L-istudju jipprovdi analiżi legali tal-qafas legali awdjoviżiv u l-evoluzzjoni tiegħu fl-Istati Membri, fin-Norveġja, fil-Liechtenstein, u fl-Iżlanda matul il-perjodu 2020–2021. L-istudju jirrapporta wkoll dwar is-sehem ta’ xogħlijiet Ewropej fis-servizzi lineari u fis-servizzi tal-vidjows fuq talba (VOD, video-on-demand) abbażi tad-*data* pprovduta mill-Istati Membri u ta’ analiżi indipendenti tal-kontenut tas-servizzi lineari u tas-servizzi tal-VOD. Id-definizzjoni ta’ xogħlijiet Ewropej użata f’dan l-istudju tista’ tinstab fl-Artikolu 1(1), il-punt (n), tal-AVMSD, li tinkludi xogħlijiet li joriġinaw mill-Istati Membri, xogħlijiet li joriġinaw minn Stati terzi Ewropej li huma parti għall-Konvenzjoni Ewropea dwar it-Televiżjoni Transkonfinali tal-Kunsill tal-Ewropa (ECTT, European Convention on Transfrontier Television) u xogħlijiet koprodotti fil-qafas ta’ ftehimiet relatati mas-settur awdjoviżiv konklużi bejn l-UE u pajjiżi terzi. Fl-aħħar nett, l-istudju jipprovdi analiżi ekonomika tas-suq awdjoviżiv fl-Istati Membri, li tkopri kwistjonijiet bħall-mudelli ta’ negozju fis-settur awdjoviżiv u l-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati dwar l-iżvilupp tas-suq awdjoviżiv.

³ Dokument ta’ ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni, *European Media Industry Outlook*, SWD(2023) 150 final, 17.5.2023. Filwaqt li huwa teknikament barra mill-perjodu ta’ referenza, dan joffri *data* storika u sejbiet ġenerali applikabbli għal dan ir-rapport.

⁴ Dokument ta’ hidma tal-persunal, *Reporting on the application of Articles 13, 16 and 17 of Directive 2010/13/EU for the period 2015-2019 as regards non-linear services (Article 13) and linear services (Articles 16 and 17)*, SWD(2023) 152 final, 17.5.2023, disponibbli fuq: [Rapporti tal-Kummissjoni dwar il-promozzjoni tax-xogħlijiet Ewropej mis-servizzi tal-media awdjoviżiva | Insawru l-futur diġitali tal-Ewropa \(europa.eu\)](#).

⁵ Dokument ta’ hidma tal-persunal, *Reporting on the application of Articles 13, 16 and 17 of Directive 2010/13/EU: for the period 2011-2014 as regards non-linear services (Article 13) and 2013-2014 as regards linear services (Articles 16 and 17)*, SWD(2020) 227 final, 13.10.2020, disponibbli fuq: [Rapport dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 13, 16 u 17 tad-Direttiva 2010/13/UE | Insawru l-futur diġitali tal-Ewropa \(europa.eu\)](#).

⁶ Id-Direttiva (UE) 2018/1808 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’ Novembru 2018 li temenda d-Direttiva 2010/13/UE dwar il-koordinazzjoni ta’ ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b’regolament jew b’azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta’ servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva) fid-dawl ta’ realtjiet tas-suq li qed jinbidlu (ĠU L 303, 28.11.2018, p. 69).

Ir-regoli l-ġodda li jinsabu fl-Artikolu 13 tal-AVMSD jobbligaw lill-Istati Membri jiżguraw li l-fornituri tas-servizzi tal-media awdjoviżiva fuq talba (fornituri tal-vidjows fuq talba (VOD, video-on-demand)) taħt il-ġuriżdizzjoni tagħhom jiżguraw mill-inqas sehem ta' 30 % ta' xogħlijiet Ewropej fil-katalgi tagħhom u jiżguraw il-prominenza ta' dawk ix-xogħlijiet⁷. Ir-regoli l-ġodda jippermettu wkoll lill-Istati Membri jestendu l-kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-produzzjoni ta' xogħlijiet Ewropej, inkluż permezz ta' investiment dirett fil-kontenut u ta' kontribuzzjoni għall-fondi nazzjonali, li jimponu fuq il-fornituri tas-servizzi tal-media taħt il-ġuriżdizzjoni tagħhom, biex ikopru lill-fornituri tas-servizzi tal-media mmirati lejn l-udjenzi fit-territorji tagħhom, iżda stabbiliti fi Stati Membri oħra⁸. Dawn l-obbligi imposti fuq is-servizzi transfruntiera jridu jkunu proporzjonati, nondiskriminatorji u, mill-bqija, jikkonformaw mal-liġi tal-UE. Il-fornituri tas-servizzi tal-media b'fatturat baxx jew b'udjenza żgħira huma eżentati kemm mill-obbligi tal-kwota u tal-prominenza kif ukoll mill-obbligi tal-investiment finanzjarju. L-Istati Membri jistgħu anke jipprevedu eżenzjonijiet ulterjuri meta dawn l-obbligi ma jkunux prattikabbli jew ġustifikati minħabba n-natura jew is-suġġett tas-servizzi tal-media awdjoviżiva⁹. Biex tiżgura kalkolu konsistenti tas-sehem ta' xogħlijiet Ewropej fil-katalgi tal-fornituri tal-VOD, u biex tiddefinixxi udjenza żgħira u fatturat baxx, f'Lulju 2020 il-Kummissjoni ħarġet linji gwida dwar dawn iż-żewġ kwistjonijiet, skont l-AVMSD¹⁰.

Id-Direttiva (UE) 2018/1808 ma biddlitx l-obbligi għall-promozzjoni tax-xogħlijiet Ewropej applikabbli għas-servizzi lineari fl-Artikoli 16 u 17 tal-AVMSD. Ix-xandara jridu jirriżervaw għax-xogħlijiet Ewropej proporzjon maġġoritarju tal-ħin ta' trażmissjoni tagħhom, meta jkun prattikabbli u permezz ta' mezzi adattati, minbarra l-ħin allokat għall-aħbarijiet, għall-avvenimenti sportivi, għal-logħob, għar-reklamar, għas-servizzi tat-teletext u għat-telebejgħ¹¹. Jeħtieġ ukoll li jirriżervaw mill-inqas 10 % ta' dan il-ħin ta' trażmissjoni jew tal-baġit għall-programmazzjoni tagħhom għax-xogħlijiet Ewropej indipendenti¹².

Skont ir-regoli l-ġodda fl-AVMSD, l-Istati Membri jridu jirrapportaw dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 13 kull sentejn¹³, f'konformità mal-obbligi ta' rapportar eżistenti dwar l-Artikoli 16 u 17. Il-preparazzjoni tar-rapport preżenti ġiet affettwata minn dewmien fit-traspożizzjoni tad-Direttiva (UE) 2018/1808 mill-Istati Membri u, sussegwentement, mill-kapaċità tal-Istati Membri li jipprovdu *data* rilevanti fir-rapporti nazzjonali.

Għar-rapportar dettaljat, jekk jogħġbok irreferi għad-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanjaha. L-ewwel parti ta' dak id-dokument tinkludi informazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 13 tal-AVMSD dwar il-promozzjoni tax-xogħlijiet Ewropej mis-servizzi tal-media awdjoviżiva fuq talba matul il-perjodu 2020–2021, f'konformità mal-Artikolu 13(5) tal-AVMSD u filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi fis-suq u l-iżviluppi teknoloġiċi u l-oġettiv tad-diversità kulturali. It-tieni parti tikkonċerna l-applikazzjoni tal-Artikoli 16 u 17 tal-

⁷ L-Artikolu 13(1) tal-AVMSD.

⁸ L-Artikolu 13(2) tal-AVMSD.

⁹ L-Artikolu 13(6) tal-AVMSD.

¹⁰ *Linji gwida skont l-Artikolu 13(7) tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva dwar il-kalkolu tas-sehem ta' xogħlijiet Ewropej f'katalgi fuq talba u dwar id-definizzjoni ta' udjenza żgħira u fatturat baxx*, ĠU C 223, 7.7.2020.

¹¹ L-Artikolu 16 tal-AVMSD.

¹² L-Artikolu 17 tal-AVMSD.

¹³ L-Artikolu 13(4) tal-AVMSD.

AVMSD dwar il-promozzjoni tax-xogħlijiet Ewropej u tal-produzzjonijiet indipendenti mix-xandara matul l-istess perjodu. Skont l-Artikolu 16(3) tal-AVMSD, l-iskop huwa li l-Istati Membri u l-Parlament Ewropew jiġu informati bir-rapporti nazzjonali dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 16 u 17 li l-Istati Membri jridu jipprovdu kull sentejn, akkumpanjati, fejn xieraq, minn opinjoni. Is-sejbiet u l-konklużjonijiet ewlenin huma ppreżentati hawn taħt.

2. SEJBIET U KONKLUŻJONIJIET EWLENIN

Il-perjodu kopert f'dan ir-rapport (2020–2021) kien perjodu tranżitorju, peress li l-iskadenza għat-traspożizzjoni tad-Direttiva (UE) 2018/1808 kienet f'Settembru 2020 u mhux l-Istati Membri kollha kienu ttrasponew id-Direttiva bis-sħiħ sa tmiem il-perjodu ta' referenza ta' dan ir-rapport.

Il-perjodu ta' referenza kien jinkludi wkoll il-bidu tal-pandemija tal-COVID-19. Il-pandemija kellha impatt notevoli fuq il-produzzjoni tal-kontenut awdjoviżiv, iżda madankollu ppermettiet lill-atturi tal-VOD jespandu l-udjenzi tagħhom u partikolarment lis-servizzi globali tal-abbonament għall-vidjows fuq talba (SVOD, subscription video-on-demand) ikomplu jkabbru d-dħul tagħhom fl-UE – minn EUR 6,7 biljun fl-2019 għal EUR 11,7 biljun fl-2021. L-għadd kumplessiv ta' servizzi tal-VOD operattivi fil-ġurisdizzjonijiet tal-pajjiżi tal-UE u taż-ŻEE-EFTA kiber ukoll minn 1 030 fl-2019 għal 1 984 fl-2021.

Fil-perjodu ta' referenza, 17-il Stat Membru introduċew miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali biex jittrasponu r-regoli l-ġodda fl-Artikolu 13 fid-dritt nazzjonali, filwaqt li l-bqija introduċewhom biss wara l-perjodu ta' referenza. F'ħafna każijiet fejn it-traspożizzjoni tlestiet fil-perjodu ta' referenza, id-dettalji tal-applikazzjoni tar-regoli xorta kellhom jiġu kkonkretizzati fil-liġi sekondarja jew fil-liġijiet lokali. Barra minn hekk, l-obbligu għall-fornituri tas-servizzi li jikkonformaw mar-regoli spiss beda japplika biss wara tmiem il-perjodu ta' referenza. Madankollu, kemm it-traspożizzjoni fid-dritt nazzjonali matul il-perjodu ta' referenza kif ukoll it-traspożizzjonijiet wara l-perjodu ta' referenza kellhom livell għoli ta' allinjament mal-linji gwida tal-Kummissjoni u xebh f'termini ta' approċċi tal-kalkolu u ta' eżenzjonijiet. B'mod kumplessiv, il-folji tal-immappjar legali pprovdu mill-Istati Membri juru li matul il-perjodu ta' referenza, fi 17-il Stat Membru kienu fis-seħħ miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali biex jiżguraw sehem ta' 30 % ta' xogħlijiet Ewropej fil-katalgi tas-servizzi tal-VOD.

Skont ir-rapportar tal-Istati Membri, il-proporzjon medju ta' xogħlijiet Ewropej fis-servizzi tal-VOD varja bejn 63-64 % fl-2020–2021. Dan il-proporzjon huwa kemxejn akbar meta mqabbel ma' dak ta' 42-63 % irrapportat fl-istudju preċedenti li jkopri l-2015–2019, iżda huwa importanti li wieħed jinnota li d-*data* ma kinitx disponibbli għas-servizzi tal-VOD kollha li joperaw fl-Istati Membri.

L-istudju kien jinkludi kampjun ta' 1 062 servizz tal-VOD li joperaw f'21 Stat Membru u fin-Norveġja, ibbażat fuq stampa tal-2023. L-analiżi pprovdata fl-istudju sabet sehem medju ta' 35 % ta' xogħlijiet Ewropej fis-servizzi tal-VOD, meta mqabbel mas-36 % li nstab qabel fl-2021, għalkemm ibbażat fuq kampjun iżgħar. L-aktar figura reċenti turi sehem medju sostanzjalment aktar baxx minn dak indikat fir-rapporti tal-Istati Membri (63-64 %). Diversi raġunijiet jistgħu jispjegaw parzjalment dawn id-differenzi: (i) l-istudju ħa kampjun biss tas-servizzi tal-VOD minn 21 Stat Membru u min-Norveġja; (ii) l-analiżi indipendenti u r-rapportar tal-Istati Membri koprew perjodi ta' żmien differenti; u (iii) huwa diffiċli li jitqabblu

d-definizzjonijiet u l-metodi użati għall-kejl peress li hemm *data* limitata dwar il-metodoloġija użata mill-Istati Membri biex jimmonitorjaw il-konformità¹⁴.

Id-Direttiva (UE) 2018/1808 introduċiet ukoll il-possibbiltà li l-Istati Membri jstendju l-kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-produzzjoni ta' xogħlijiet Ewropej li jimponu fuq il-fornituri tas-servizzi tal-media taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom, biex ikopru lill-fornituri tas-servizzi tal-media mmirati lejn l-udjenzi fit-territorji tagħhom, iżda stabbiliti fi Stati Membri oħra. Fil-perjodu ta' referenza (2020–2021), seba' Stati Membri rrapportaw li kellhom fis-seħħ obbligi ta' kontribuzzjoni finanzjarja għall-fornituri tas-servizzi tal-VOD transkonfinali u żewġ Stati Membri rrapportaw li kellhom dawn l-obbligi għall-fornituri tas-servizzi lineari transfruntiera.

Għalkemm din hija l-ewwel darba li sar rapport dwar ir-regoli l-ġodda stabbiliti fl-AVMSD, diġà sar xi progress fil-monitoraġġ. Madankollu, għad hemm bżonn ta' aktar xogħol biex tinkiseb stampa sħiħa u komprensiva. Għalhekk, il-Kummissjoni tteġġegħ lill-Istati Membri kollha biex jiżguraw il-monitoraġġ u l-verifika tas-sehem ta' xogħlijiet Ewropej fis-servizzi tal-VOD u biex jipprovdu informazzjoni dettaljata dwar każijiet ta' nuqqas ta' konformità u l-metodoloġija użata. Il-Kummissjoni tteġġegħ ukoll lill-Istati Membri biex jipprovdu informazzjoni kompleta dwar is-sehem ta' xogħlijiet Ewropej għas-servizzi kollha tal-VOD taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom fir-rapportar tagħhom. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tteġġegħ l-għoti ta' informazzjoni dwar ir-raġunijiet għalfejn xi servizzi tal-VOD jistgħu ma jilhqax is-sehem minimu ta' xogħlijiet Ewropej kif ukoll dwar il-valutazzjoni u s-segwitu minn awtoritajiet regolatorji nazzjonali ta' każijiet bħal dawn.

Fir-rigward tal-istazzjonijiet lineari, il-pandemija kellha impatt momentanju fuq il-ħin medju tal-wiri u d-dħul iġġenerat permezz tar-reklamar televiżiv. Ix-xejra kumplessiva xorta waħda tidher li tirrifletti dħul staġnat. Għalkemm is-settijiet tad-*data* mhumiex komparabbli għalkollox, l-għadd totali ta' stazzjonijiet televiżivi jidher li baqa' simili jew naqas bi ftit minn 4 657 irrapportati fl-aħħar tal-2019 fl-Istati Membri inkluż dak iż-żmien ir-Renju Unit mill-Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew¹⁵ għal 4 483 fl-2021 irrapportati li kienu operattivi fil-ġurisdizzjoni tagħhom mill-Istati Membri u l-pajjiżi taż-ŻEE-EFTA.

Fir-rigward tal-Artikoli 16 u 17 tal-AVMSD, li ma fihom l-ebda regoli ġodda, l-Istati Membri kollha jeħtieġu li x-xandara jirriżervaw proporzjon maġġoritarju tal-ħin ta' trażmissjoni tagħhom għax-xogħlijiet Ewropej, b'xi Stati Membri jistabbilixxu proporzjon oġġla għax-xandara pubbliċi jew għax-xandara kollha. Erba' u ħames Stati Membri, rispettivament, għamlu bidliet fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom fil-perjodu ta' referenza fir-rigward tal-

¹⁴ F'dan il-kuntest, wieħed jista' jinnota li l-AVMSD tteġġegħ it-tikkettar tal-metadata tal-kontenut awdjoviżiv u li anke l-Grupp ta' Regolaturi Ewropej għas-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva afferma mill-ġdid l-importanza tiegħu; ara l-Premessa 35 tad-Direttiva (UE) 2018/1808; is-sottogrupp 3 tal-ERGA – Ensuring Prominence and Access of Audiovisual Media Content to all Platforms (Findability) – Deliverable 2: Overview document in relation to Article 13(1) of the Audiovisual Media Services Directive (2020), https://erga-online.eu/wp-content/uploads/2021/01/ERGA_SG3_2020_Report_Art.131_final.pdf; is-sottogrupp 1 tal-ERGA – Consistent implementation and enforcement of the new Audiovisual Media Services Directive framework, Workstream 2 Technical expertise: Interpreting and providing guidance on the most complex new provisions, Report: Transposition and implementation of Article 13(1) of the new AVMSD – Ensuring prominence of European works in the catalogues of on-demand audiovisual media services (2021), https://erga-online.eu/wp-content/uploads/2021/12/ERGA-SG1-2021-Report-Article-13_1.pdf.

¹⁵Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew, *Yearbook 2020/2021 – Key trends*, disponibbli fuq: <https://rm.coe.int/yearbook-key-trends-2020-2021-en/1680a26056>, p. 26.

Artikoli 16 u 17. Madankollu, il-bidliet kienu minuri jew ta' natura teknika. Ir-rapportar tal-Istati Membri juri li l-proporzjon medju ta' xogħlijiet Ewropej fis-servizzi lineari – 68 % fl-2020 u 69 % fl-2021 – kien ferm oġhla mill-proporzjon maġġoritarju obbligatorju stabbilit fl-Artikolu 16 tal-AVMSD. B'mod ġenerali, dan jindika applikazzjoni tajba ta' din id-dispożizzjoni fl-Unjoni kollha. Madankollu, ir-rapporti tal-Istati Membri jindikaw tnaqqis fis-sehem ta' xogħlijiet Ewropej meta mqabbel mal-perjodu ta' rapportar preċedenti (72,6 % fl-2019). Barra minn hekk, l-analiżi fl-istudju tissuġġerixxi li s-sehem ta' xogħlijiet Ewropej (38 %) huwa sostanzjalment inqas mis-sehem ta' xogħlijiet Ewropej irrapportati bħala medja mill-Istati Membri (68-69 %). Diversi raġunijiet jistgħu jispjegaw parzjalment id-differenzi bejn is-sejbiet tal-istudju u d-*data* rrapportata mill-Istati Membri, eż. il-fatt li l-istudju ħa kampjuni biss ta' stazzjonijiet minn 15-il Stat Membru.

B'mod kumplessiv, l-Istati Membri rrapportaw ukoll li ssodisfaw ir-rekwiżit dwar is-sehem ta' produzzjonijiet indipendenti stipulat fl-Artikolu 17 tal-AVMSD. Is-sehem medju ta' xogħlijiet Ewropej maħluqa minn produtturi indipendenti kien ta' 40,6 % fl-2020 u ta' 41,4 % fl-2021, skont id-*data* pprovduta mill-Istati Membri. Madankollu, is-sehem medju ta' produzzjonijiet indipendenti Ewropej ikkalkulat abbażi tar-rapporti tal-Istati Membri huwa sostanzjalment oġhla minn dak li joħroġ mill-istudju. L-istudju jindika li s-sehem kumplessiv ta' xogħlijiet Ewropej indipendenti kien pjuttost baxx fl-Istati Membri kollha (inqas minn 3 %) u jidher li huwa inqas mis-sehem ikkalkulat fl-istudju preċedenti. Madankollu, setgħu jiġu osservati differenzi notevoli bejn l-istazzjonijiet, li xi drabi kienu marbuta ma' definizzjonijiet differenti ta' produzzjonijiet indipendenti. Is-sehem medju ta' xogħlijiet Ewropej reċenti rrapportat mill-Istati Membri kien ta' 56,4 % fl-2020 u ta' 59,0 % fl-2021, li hija żieda meta mqabbla mal-perjodu ta' rapportar preċedenti (54,6 % fl-2019).

L-ġhadd totali ta' stazzjonijiet eżentati baqa' kostanti matul il-perjodu ta' referenza (2 236 kemm fl-2020 kif ukoll fl-2021), li jammonta għal kważi nofs l-istazzjonijiet tat-televiżjoni kollha rrapportati mill-Istati Membri. Madankollu, iċ-ċifri jindikaw tnaqqis fl-ġhadd ta' stazzjonijiet eżentati meta mqabbla mal-perjodu ta' rapportar preċedenti (2 895 fl-2019).

Bħal fir-rapport preċedenti, il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri jipprovdu informazzjoni dettaljata dwar il-każijiet tan-nuqqas ta' konformità mill-fornituri tas-servizzi lineari biex jiġi żgurat is-sehem meħtieġ ta' xogħlijiet Ewropej, ta' produzzjonijiet indipendenti u ta' produzzjonijiet reċenti, kif ukoll dwar il-valutazzjoni u s-segwitu mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali ta' dawn il-każijiet, biex jiġi żgurat l-allinjament mal-Artikoli 16 u 17. B'mod simili għas-servizzi tal-VOD, il-Kummissjoni, barra minn hekk, tħeġġeġ lill-Istati Membri jaqsmu l-informazzjoni dwar il-metodu ta' kalkolu rilevanti tagħhom u biex iżidu l-ġhadd ta' stazzjonijiet li għalihom tiġi rrapportata d-*data*. Dan huwa rrakkomandat sabiex jippermetti azzjonijiet ta' infurzar effettivi fejn meħtieġ u tqabblil aħjar mar-risultati tal-istudji futuri li jimmonitorjaw it-tweġġiq tal-obbligi tal-AVMSD.